**REĠJUN ĊENTRALI**

# MINUTI

## SEDUTA Nru 53

Il-Ħamis, 15 ta' Jannar, 2015

Il-Kumitat tar-Reġjun Ċentrali ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Msida, Pjazza Menqa, L-Imsida, fil-5.30pm.

Il-President, is-Sur Peter Bonello, ippresieda.

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| President tar-Reġjun | Peter Bonello | Preżenti |
| Viċi President | Stefan Cordina | Preżenti |
| Sindku L-Imsida | Margareth Baldacchino Cefai | Preżenti |
| Viċi Sindku B'Kara | Rita Borg | Preżenti |
| Kunsillier San Ġwann | Dominic Cassar | Preżenti |
| Kunsillier Il-Gżira | Joe Camilleri | Preżenti |
| Sindku Ta' Xbiex | Maximillian Zammit | Preżenti |
| Sindku Sliema | Anthony Chircop | Preżenti |
| Sindku Santa Venera | Stephen Sultana | Preżenti |
| Sindku Ħal Lija | Magda Magri Naudi | Preżenti |
| Sindku Il-Pieta' | Keith Tanti | Skużat |
| Viċi Sindku L-Iklin | Anthony Borg | Preżenti |
| Kunsillier Ħal Balzan | Stephen Gatt | Preżenti |

**UFFIĊJALI**

Segretarju Eżekuttiv : Jeanette Galea

**TALBA**

Il-President qal it-talba.

1. **MINUTI**

Il-minuti tas-Seduta Nru 52 li saret nhar it-Tlieta, 15 ta' Diċembru 2014, kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sur Joe Camilleri, sekondat mis-Sur Stefan Cordina.

2. **KORRISPONDENZA**

***2.1 Performance Bonuses tal-Ħaddiema***

Il-President, is-Sur Peter Bonello, ressaq ittra mingħand il-ħaddiema klerikali tar-Reġjun fejn kienu qegħdin iressqu t-talba tagħhom fir-rigward il-Performance Bonus għas-sena 2012 u 2013.

Il-membri tal-Kumitat qablu li dan il-bonus għandu jingħata imma qabel għandha tinġieb konferma mid-Dipartiment għal-Gvern Lokali biex inkunu ċerti li dan jista' jsir. Għal din ir-raġuni, is-Segretarju Eżekuttiv għandha tibgħat e-mail lid-Dipartiment biex tinfurmah dwar dan u tkun tista' timxi skont id-direzzjoni li tingħata.

***2.2 Qualification Allowance***

Il-President, is-Sur Peter Bonello, ressaq ittra mingħand ir-Reġistratur tat-Tribunal, is-Sinjorina Lydia Zammit, fejn talbet li din għandha tingħata l-*qualification allowance* minħabba li għandha Diploma ta' IT Practitioners.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, infurmat lill-membri tar-Reġjun li din l-*allowance* ser tibda toħodha mis-sena 2015 pero s-Sinjura Zammit qiegħda titlob li tingħata l-ammonti li kienu dovuti għas-sena 2012 u 2013. Peress li dan il-perjodu ma jaqax taħt is-Segretarju preżenti, din it-talba kellha titressaq quddiem il-membri tar-Reġjun.

Il-membri tar-Reġjun qablu li din il-*qualification allowance* għandha tingħata iżda qabel għandha tinġieb konferma mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex inkunu ċerti li dan jista' jingħata.

3. **ĦWEJJEĠ LI JIRRIŻULTAW MILL-MINUTI**

*Ma kienx hemm ħwejjeġ li jirriżultaw mill-minuti.*

4. **TENDER – SERVIZZI TA' *MECHANICAL ENGINEER* FUQ BAZI PART TIME**

Il-President, is-Sur Peter Bonello, spjega li s-sejħa tat-tender ta' Servizzi ta' *Mechanical Engineer* fuq *bażi Part time* kien magħluq u għalhekk issuġġerixxa li jinħatar Bord sabiex it-tenders ikunu evalwati.

Għal din ir-raġuni, ġie deċiż li l-Bord għandu jkun kompost mill-President, is-Sur Peter Bonello, il-Kunsillier tal-Gzira, is-Sur Joe Cammileri, il-Viċi Sindku tal-Iklin, is-Sur Anthony Borg, u l-Kunsillier ta' Ħal Balzan, is-Sur Stephen Gatt.

Ġie deċiż ukoll li dan il-Bord għandu jiltaqa' nhar it-Tlieta 20 ta' Jannar 2015, fl-10:30 am ġewwa l-Uffiċċju amministrattiv ta' San Ġwann.

**5. KORSIJIET MAT-TCTC**

Il-President, is-Sur Peter Bonello, staqsa lill-membri tar-Reġjun għall-ħsibijiet tagħhom fuq il-proposta li kien ressaq is-Sur Ray Abela (mill-kumpanija TCTC) fil-laqgħa preċedenti.

Il-maġġoranza tal-membri qalu li ma għandhomx post adegwat biex iħejju dawn il-korsijiet.

Il-Kunsilli ta' Birkirkara, tal-Imsida, tal-Gżira, tas-Sliema u ta' Ta' Xbiex qalu li bejniethom jistgħu jakkomodaw madwar sebgħin persuna pero l-Viċi Sindku ta' Birkirkiraka, is-Sinjura Rita Borg, spjegat li l-Kunsill tagħhom diġà qed jagħmel dawn il-korsijiet u allura ma jkunx hemm post biex ikunu jistgħu jakkomodaw aktar gruppi. Għal din ir-raġuni, il-Kunsill ta' Birkirkara mhux interessat.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, ġibdet l-attenzjoni tar-Reġjun li peress li l-ammont huwa ta' €5,000.00, ir-Reġjun ikun irid joħroġ tender.

Is-Sur Bonello staqsa lill-membri jekk jaqblux li dan il-proġett isir bħala Reġjun.

Ġie deċiż li r-Reġjun għandu jiċċekkja kif jista' jinħadem it-tender sabiex inkunu nistgħu nimxu aktar 'il quddiem.

**6. MISTOQSIJIET**

Il-President, is-Sur Peter Bonello, staqsa jekk kienx hemm xi mistoqsijiet min-naħa tal-membri.

Is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Maximillian Zammit, staqsa lill-President jekk dan ir-Reġjun jistax jgħin lill-Kunsilli fis-servizz ta' IT Technician billi r-Reġjun joħroġ sejħa li biha jkun jista' jservi lill-Kunsilli Loklai li jaqgħu taħt dan ir-Reġjun.

Is-Segretarju Ezekuttiv, is-Sinjura Galea, spjegat kif kumbinazzjoni dak inhar kien għadu kif għamel dan l-istess suġġeriment is-Segretarju tal-Iklin.

Għal din ir-raġuni, kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttiv għandha ġġib aktar informazzjoni għal-laqgħa li jmiss.

## 7. IKKLAMPJAR U RMUNKAR TA' VETTURI PPARKJATI ILLEGALMENT

Fuq talba tal-membri tar-Reġjun, is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, stiednet lis-Sur Gilbert Agius, bħala rappreżentant minn Transport Malta, flimkien mas-Sur Mario Tonna li huwa Police Senior Inspector, biex jiġi diskuss is-suġġet ta' kklampjar u rmunkar ta' vetturi li jkunu pparkjati illegalment.

Il-President, is-Sur Peter Bonello, irringrazzja lis-Sur Gilbert Agius talli laqa' l-istedina u stieden lis-Sur Agius biex ikun jista' jagħti spjegazzjoni fuq il-proċeduri involuti u aktar kjarifiki dwar x'tgħid il-liġi.

Is-Sur Agius beda billi spjega lill-membri preżenti li fuq dan is-suġġett, teżisti leġiżlazzjoni sussidjara numru 65.13 – '*Clamping and Removal of Motor Vehicles and Encumbering Objects Regulations*', li wieħed għandu juża. Is-Sur Agius spjega wkoll li din il-leġiżlazzjoni tagħti saħħa lil tliet entitajiet - il-Kummissarju tal-Pulizija; Transport Malta; u l-Kunsilli Lokali.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, spjegat li kopja ta' din il-leġiżlazzjoni ser tintbagħat permezz ta' e-mail lill-membri kollha.

Is-Sur Bonello staqsa lis-Sur Agius jekk f'każ ta' vettura jew dgħajsa li tkun ilha pparkjata fl-istess post għal medda ta' żmien, tkunx qiegħda pparkjata b'mod legali.

Is-Sur Agius spjega li jekk vettura għandha l-liċenzja mhux skaduta u qiegħda pparkjata kif suppost, ma jkun jista' jsir xejn peress li ma jkunx hemm ksur tal-liġi. L-istess għal dgħajjes iżda dgħajsa trid tkun marbuta ma' vettura. Jekk il-vettura jkollha l-licenzja skaduta jew ma għandhiex liċenzja mwaħħla, din tista' tigi kklampjata u ttowjata wara disgħin ġurnata.

Is-Sur Bonello staqsa dwar vetturi li jkunu pparkjati fuq il-bankina, specjalment bil-problema ta' vetturi bin-numru tal-karozza ta' barra.

F'dan il-kaz, is-Sur Agius spjega li jkollu jsir *towing* u mhux *clamping*.

Is-Sur Agius kompla jispjega li dan l-aħħar saru ħafna laqgħat bejn il-Ministru, il-Kummissarju tal-Pulizija l-ġdid flimkien ma' Transport Malta. Spjega kif permezz ta' dawn il-laqgħat il-problema tal-karozzi bin-number plates tal-vetturi tagħhom tal-Ingilterra jew tal-Italja ser tissolva peress li mill-1 ta' Marzu 2015, kull vettura bis-sid Malti ser ikollu jagħmel permess minn Transport Malta għal tletin ġurnata. Jekk sa wara dan il-perjodu n-numru tal-liċenzja ma jkunx ta' Malta, il-vettura ser tittieħed mingħand is-sid. Din ser titħabbar lejn l-aħħar ta' Far 2015. Is-Sur Agius spjega li għandha kif inġiebet l-approvazzjoni mingħand il-Kummissarju sabiex tinħareġ sejħa għal postijiet tat-towing.

F'kaz ta' vetturi Libjani, it-Transport Malta ser tiltaqa' mad-dwana biex isir eżerċizzju peress li dawn ikollhom l-informazzjoni meħtieġa fuq dawn il-vetturi.

Is-Sinjura Margareth Baldacchino Cefai staqsiet fuq il-karozzi tal-kiri li jkunu pparkjati quddiem il-kumpanija tall-kiri. Is-Sinjura Baldacchino Cefai staqsiet jekk dawn il-vetturi għandhomx ikunu pparkjati fil-garaxx tal-kumpanija.

Is-Sur Agius spjega li mhemmx għalfejn ikunu pparkjati fil-garaxx pero l-kumpanija għandha l-obbligu li tara li għandha garaxx kbir biżżejjed biex jakkomoda l-vetturi kollha. Spjega wkoll kif dawk il-karozzi li jkunu fit-toroq għal bejħ u parkjati tajjeb, dawn ma jistgħux jintmissu. Pero, jekk minflok in-numru tal-mowbajl, ikollhom speċifikat 'For Sale', dawn jistgħu jitneħħew.

Is-Sindku ta' Santa Venera, is-Sur Stephen Sultana, spjega kif il-problema fil-lokalità tiegħu hija fuq il-containers kbar li ma għandhom rispett lejn ħadd.

Is-Sur Agius spjega li f'dan il-kaz, Transport Malta ma tidħolx f'din il-problema. Il-Kunsill għandu jkellem lill-Pulizija u jiġu fuq il-post biex jaraw li jitneħħa peress li jkun ta' ostaklu.

Peress li ma kienx hemm aktar mistqosijiet, il-President, is-Sur Peter Bonello, irringrazzja lis-Sur Agius talli kien preżenti u talli ta stampa aktar ċara fuq dan is-suġġett.

## 8. AFFARIJIET OĦRA

### *8.1 Tqassim ta' Fondi Reġjonali*

Il-President, is-Sur Peter Bonello, informa lill-membri preżenti li fil-ġranet li ġejjin ser jitqassmu l-flus tad-dħul taċ-ċitażżjonijiet maħruġa bejn Lulju u Novembru tas-sena 2014, kif kien miftiehem fil-laqgħa ta' Diċembru 2014.

### *8.2 Aġġornament fuq is-Sejħa ta' Zewġ Executive Officers – Skala 13*

Il-President, is-Sur Peter Bonello, spjega li l-applikazzjonijiet intlaqgħu fl-uffiċċju tar-Reġjun nhar it-Tnejn 22 ta' Diċembry 2014. Ir-Reġjun irċieva 4 applikazzjonijiet u għal din ir-raġuni saru l-intervisti lbieraħ, l-Erbgħa 14 ta' Jannar 2015 ġewwa l-uffiċċju tat-Tribunal. Il-Bord iddeċieda li s-Sinjorina Denyse Scerri u is-Sinjura Elizabeth-Ann Richard huma żżewġ persuni adattati għal dawn il-pużiżżjonijiet. Għalhekk id-Dipartiment tal-Gvern Lokali kif ukoll l-ETC għandhom ikunu informati b'dan ir-riżultat qabel ma dawn iż-żewġ individwi jiġu impjegati.

### *8.3 Aġġornament fuq is-sejħa ta' Accounts Executive – Skala 13*

Is-Sur Peter Bonello spjega li l-avviz ta' din is-sejħa ser jintwera fil-gazzetti The Times of Malta, The Malta Independent u fil-Gazzetta tal-Gvern nhar il-Gimgha 16 ta' Jannar 2015. Applikazzjomnijiet ghandhom jaslu l-uffiċċju amministrattiv sa mhux aktar tard minn nhar il-Gimgħa 30 ta' Jannar 2015. Wara din id-data tal-għeluq, il-bord kompost mis-Sur Peter Bonnello,

mis-Sur Anthony Chircop u s-Sur Roberto Cristiano għandhom jiltaqgħu biex iħejju għall-intervisti.

### *8.4 Is-Sinjura Sandra Tabone – il-kaxxiera tat-Tribunal*

Il-President, is-Sur Peter Bonello, spjega li l-impjegata, is-Sinjura Sandra Tabone, tixtieq tinforma lill-membri tar-Regjun li qed tistenna li tirċievi ittra uffiċċjali fejn tgħid li dan ir-Reġjun beda l-proċess ta' impjieg għal żewġ impjegati fuq bażi *full time* peress li ż-żewġ impjegati li għandna fil-preżent qabżu l-età tal-irtirar. Għalkemm is-Segretarju Ezekuttiv, is-Sinjura Galea, spjegat li l-proċedura kella tibda wara l-approvazzjoni tad-Dipartiment kif ukoll minħabba l-eżiġenza tax-xogħol, is-Sinjura Tabone tixtieq li tintbagħat ittra uffiċċjali dwar dan. Is-Segretarju spjegatilha wkoll li ma kienx hemm data ta' terminazzjoni minħabba li l-proċedura ma għandhiex żmien definit pero is-Segretarju kienet talbet sabiex ikun hemm xahar *handover* minn meta jibda l-impjegat il-ġdid.

### *8.5 Reception Desk*

Fl-laqgha Nru 50, il-membri tar-Reġjun kienu approvaw li ssir *reception desk* fl-uffiċċju amministrattiv tar-Reġjun. Għal din ir-raġuni, is-Segretarju Eżekuttiv ressqet kwotazzjoni mingħand Bonds ta' €800.00 fejn tinkludi reception desk flimkien ma' cupboard żgħir bil-kxaxen.

Il-membri preżenti approvaw din il-kwotazzjoni.

### *8.6 Accountant*

Il-Kumpanija tal-Accountant, NexiaBT, ġibdulna l-attenzjoni li t-tender jagħlaq dan ix-xahar. Għalhekk għandhom isiru il-preparamenti meħtieġa biex terġa' tinħareġ is-sejħa. Peress li bħalissa għaddejjin bil-preparamenti għall-awdituri, il-kumpanija Nexia BT għandha tkompli għaddejja bix-xogħol minħabba l-preparazzjoni tal-għeluq tas-sena finanzjarja 2014 għall-awdituri sakemm jintagħżel il-kuntrattur il-ġdid.

## 9. APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET FL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

Is-Sur Joe Camilleri, sekondat mis-Sur Stefan Cordina ressaq mozzjoni biex jiġi approvat il-ħlas tal-pagamenti li huma mniżżla fuq l-iskeda tal-pagamenti Nru. 52 Il-mozzjoni għaddiet *nem.con*.

**10. TMIEM**

Fis-7.00pm intemmet is-seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar il-Ħamis 12 ta' Frar, 2015 fil-5.30pm

Jeanette Galea
Segretarju Eżekuttiv

**Konfermati:**

Peter Bonello
President